**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 265/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista:-25**

**Emily Ann Micallef Grimaud (K.I. 297805L)**

**2, Triq Ebona, Sqaq Nru 4,**

**Zebbug**

**Vs**

**Shoprite Limited**

**The Retail Office,**

**M4 Shopping Complex,**

**Old Railway Track,**

**Attard**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attrici fis-26 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi ordnatha thallasha s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€2,655) rapprezentanti zewg fatturi ghal Maru u April 2017 in

konnessjoni ma' servizzi rezi mir-rikorrenti lill-kumpanija intimata in konnessjoni man-negozju operat that l-isem 'Toss Food to Go'.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 32 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez state li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici ghaliex hi qatt ma kompletat l-inkarigu lilha moghti li kien biex tibda u topera n-negozju "Toss Food to Go."; li di piu x-xoghol minnha ezegwit ma sarx skont is-sengha u l-arti; li s-socjeta' konvenuta inkorriet danni minhabba dawn ir-ragunijiet u sahansitra n-negozju 'Toss Food to Go' illum mhuwiex in operazzjoni; li infatti "qed / giet " intavolata kawza ghad-danni quddiem il-Qorti tal-Magistrati kontra l-attrici; li ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

Fl-affidavit taghha a fol 38 et l-attrici tghid li ilha tahdem fil-catering ghal dawn l-ahhar disa' snin. Wara li temmet l-istudji taghha fl-Institute of Tourism Studies hija marret Londra u hadmet bhala chef f'zewg ristoranti prestiggjuzi. Fis-sena 2014 hija giet lura Malta u ftit xhur wara ddecidiet li tibda toffri servizzi ta' 'private dining' biex tevita l-hinijiet twal li xoghol gewwa restorant jirrikjedi. Saret taf lil Francesca Ciantar ta' Shoprite Limited f'Novembru 2015 wara li ghamlet kuntatt maghha wara li qrat xi reviews pozittivi fuq is-servizzi offruti minnha ta' private dining fuq Facebook page taghha 'Are you being served?'. Talbitha tiehu hsieb il-catering ghal birthday party taghha ghal Marzu 2016 gewwa Ghawdex. Il-parti kien success u kulhadd ha hafna pjacir.

Zewgha saret tafu minhabba din l-okkazjoni u talabha tikkuntattjah ghax sostna li kellu progett li seta' jinteressaha. Fix-xhur ta' wara Tonio Cianter beda jcempillha xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha biex ikellimha dwar x'kellu f'mohhu u hija ghamlitielu cara li ma kienetx f'pozizzjoni li tikkommetti ruhha mal-ewwel minhabba impenji personali.

Fl-ahhar ta' Gunju 2016 iltaqghu fl-Unistores Marsa biex jiddiskutu. Huwa uriha kcina armata u spjegalha li kellu f'mohhu il-progett 'Toss' li kien jikkonsisti fi thejjija u tqassim ta' ikel lest ippakkjat bhal salads etc fi hwienet u supermarkets. Qaltlu li trid zmien biex tahsibha u talbitu jibghatilha job description, paga u hinijiet tax-xoghol. Dawn huwa baghthomlha permezz ta' e-mail tas-16 ta' Lulju, 2016. Tonio Cauchi ma accettax li hija tkun impjegata bhala part timer izda li kellha tibqa self employed u tohroglu invoice kull

xahar jew kull gimghatejn. Hija accettat bil-kondizzjoni li l-hlas isir fil-pront kull xahar mal-invoice.

Ir-responsabbilitajiet taghha kienu kif inkluzi fl-email li Tonio Ciantar baghtilha fis-16 ta' Lulju, 2016. Hija insistiet fl-email taghha tal-24 ta' Lulju, 2016 fuq good labelling, igjene u health inspection u li jkun hemm staff adegwat u mharreg tajjeb. Hija spjegatlu wkoll li kellha taghmel ammont ta' xoghol mid-dar peress li kellha tifel zghir hafna u kienet ser tidhol l-ufficcji l-Unisotres darbtejn jew tlieta f'gimgha. Pero' wara xi xahar kienet ghadha qed tidhol l-ufficcju kuljum mit-8.30am sas.1.30pm.

lLattrici tghid li mal-ewwel bdew bil-problemi fl-istadju ta' preparazzjoni. Hemm diversi e-mails li juru dan izda hija ma ghandhiex access ghalihom ghax kienu fuq e-mail tan-negozju tal-istess Ciantar.

L-istadju ta' preparazzjoni ha fit-tul u minkejja li l-pjan originali kien li jibdew ibieghu l-prodotti f'Novembru, 2016 kellhom jistennew sa Frar, 2017. Wahda mir-ragunijiet principali kienet li x-xoghol fil-kcina kellha taghmlu Xandrika Caruana li setghet tibda tahdem biss f'Jannar. Xandrika kienet diga hadmet qabel ma' Ciantar u hu nsista li xtaq l-involviment taghha mill-bidu. L-attrici kienet lestiet ir-ricetti u l-prodotti kollha u kienu lesti biex jibdew. Ma' Xandrika giet impjegata wkoll Kulia biex tassiti fil-kcina.

Meta bdew fi Frar, 2017 il-bejgh beda sejjer tajjeb hafna u kienu jippreparaw madwar mitt salad kuljum li kienu jinbieghu fis-supermarkets. Is-sales u marketing kien ha hsiebhom Tonio Ciantar u hija kienet hands-on fil-kcina ma' Xandrika u Julia. Ciantar kien kuntent tant li meta mar Parigi ghal xi food exhibitions ordna l-aqwa packaging fis-suq u kien jistaqsiha biex anke jgib lit-tifel fil-kcina ghax kienet tiehu gost bl-atmosfera.

Izda gara li huwa ma bediex ihallas. L-ewwel paga taghha haditha xahrejn wara li harget l-invoice u dan minkejja li l-ftehim kien li hija tithallas mal-prezentazzjoni tal-invoice. Anke Dandrija u Julia qalulha li ma kienux qed jithallsu. Kienet kelmet lil Tonio Ciantar dwar din il-problema izda l-pagi baqghu dejjem tard. Anke l-haddiema tal-Unistores ukoll kienu jgergru dwar din il-problema u jghidu li Tonio Ciantar ma tantx fih x'tafda. Anke lis-suppliers ma kienx ihallas u meta kienet tfakru kien jghidilha hallihom dawk mhux ser imutu bil-guh. Xandrika u Julia qalulha li jekk jibqghu ma jithallsux kienu ser jitilqu.

Gara li f'April, 2017 is-sitwazzjoni marret ghall-aghar. Kienet qamet ma tiflahx sew u cemplet sick. Kienet taf li Xandrika u Julia kienu jistghu jiehdu hsieb ix-xoghol dakinhar bl-ahjar mod. Izda Ciantar baghtilha messagg icanfarha talli ma marritx xoghol u li ma kienetx ta' ezempju ghall-ohrajn. Dakinhar stess ghamlitielu cara wkoll li mhux accettabbli li ma jithallsux izda huwa kien jghidilha 'Inti x'ghandek x'tambihom il-flus?' M'ghandekx il-business tieghek?' u fir-rigward Xandrika kien jghidilha 'Dik ghandha r-ragel jahdem ghaliha m'ghandhiex bzonn flus.'

Hija ma felhitx aktar u infurmat lil Tonio Ciantar li kienet ser tispicca fl-ahhar ta' April, 2017 u tat handing over lil Xandrika u Julia. Cauchi weghda li kien ser ihallasha ghal Marzu u April fl-ahhar ta' Mejju, 2017.

Hija thallset ghax-xahar ta' Frar, 2017 fl-10 ta' April, 2017 u kien jonqosha tithallas ta' Marzu u April, 2017 li jammontaw komplessivament ghal elfejn sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€2,655) vat inkluz. Izda gara li fl-04 ta' Mejju, 2017 is-socjeta' konvenuta talbitha tirrifondi l-flus li hallsitha l-kumpanija. Hija wiegbet din l-ittra biex cahdet li ghandha taghti xi flus lill-kumpanija u anzi hija l-kumpanija li ghandha taghtiha flus. Saru diskussjonijiet biex jippruvaw jittransigu izda fl-20 ta' Mejju, 2017 hija rceviet ittra ufficjali minghand is-socjeta' konvenuta fejn intalbet thallasha s-somma ta' sebat elef tmien mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€7,817.50c). Kif rat hekk hija bdiet dawn il-proceduri. Wara saret taf li n-negozju kollu qieghed registrat f'isem Francesca Ciantar mart Tonio Ciantar.

In kontro ezami fol 73 l-attrici xehdet veru li hija u Ciantar kienu ftehmu li jaghmlu s-soft launch f'Novembru, 2016 izda gara li kellhom hafna x'jaghmlu u ddecidew flimkien li jipposponuha. Hija kkonfermat li kienet ghamlet timelines kif indikat f'dok TC2 u spjegat li kemm damet hemm ghamlet hafna affarijiet, biex taghmel ir-ricetti jirrikjedi hafna research, jippjanaw affarijiet ghal kcina, kienet qed tibni Facebook page biex jaghmlu adverts ghal chefs, pero' huwa ried jistenna fuq dik, jdahhlu l-health inspector, costings, u dawn l-affarijiet kollha li jiehdu l-hin. Hija taqbel li kellha tiehu hsieb sourcing of ingredients, recruitment of staff izda gara ghax Cauchi kellu lil xi hadd f'mohhu li kienet available f'Jannar u hija kemm-il darba staqsietu biex ifittxu li xi hadd pero' huwa kien jghidilha li xtaq jistenna lil xi hadd partikulari. Din kienet Xandrika li ma setghetx tibda qabel. Hija tichad li huwa kellu jgib lil mara li kienet tnaddaflu d-dar biex tghinha ghax

hija ma setghet issib lil hadd u ma kienetx qed tpoggi bizzejjed hin biex issib in-nies adekwati. Hija tammeti li f'Ottubru kienet qaltlu li ma setghetx issib nies adattati u kienet tghid lil Ciantar biex johrog advert f'post partikulari u mhux biss fuq Facebook u hija kienet ghamlet l-almu taghha u marret f'dawn il-postijiet izda Ciantar dejjem baqa' jinsisti li jrid jistenna lil Xandrika. Mistoqsija tikkonferma li r-reklami biex timpjega n-nies ghamlithom wara Novembru hija wiegbet li ma tiftakarx. Pero' spjegat li mhux sewwa li tibda tfittex li xi hadd fl-ewwel tlett xhur u dan ghax ix-xoghol fih hafna xoghol.

A fol 56 xehdet Xandrika Zammit li ilha taf lil Tonio Ciantar u Francesca Ciantar xi hdax-il sena. Hija kienet tassistihom f'events personali fid-dar taghhom. Bdiet tahdem regolari ma' Tonio Ciantar f'Jannar, 2017 fin-negozju bl-isem ta' 'Toss' mill-Unistores Marsa. Hija bdiet f'Jannar, 2017 tahdem bhala kitchen helper mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8.30am sas-1.30pm flimkien mal-attrici. Xi gimghat wara dahlet tahdem maghhom Julia. Hija kienet tahdem bhala part timer izda mal-ewwel bdew il-problemi ghax kienet iddum biex tithallas tant li waqfet tahdem fl-10 ta' Lulju, 2017 u kienet thallset biss sat-tielet gimgha ta' Mejju u kellha tmexxi permezz tad-Dipartiment tax-Xoghol. Fl-10 ta' Lulju, 2017 l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha ma kellhomx dawl ix-xoghol u l-haddiema qalu li dan gara ghax Ciantar ma hallasx il-kontijiet tad-dawl. Hija ma setghetx tibda tahdem b'dawk il-kundizzjonijiet u dakinhar filghaxija infurmat lil Tonio Ciantar li kienet qed tirrizenja. Huwa weghdha li se jhallasha kollox izda kellha tiehu passi bil-Qorti biex tiehu l-bilanc li fadal.

A fol 81 (overleaf) Tonio Cauchi meta mistoqsi x-xoghol li ghamlet ghal kumpanija l-attrici f'Marzu u April, 2017 huwa wiegeb li qatt ma kien izomm timesheets. Is-sales f'Marzu u April ma kienux aktar minn fourty five (45) salads average per day. Jigifieri bejn tlieta min-nies jaghmlu fourty five (45) salads per day huwa wiegeb li jhalli f'idejn it-Tribunal jara kemm hadmu dawn it-tlieta min-nies. Fl-ewwel tlett xhur ma sar xejn; fit-tieni tlett xhur jigifieri f'Awwissu, Settembru, Ottubru ma sar xejn. F'Novembru u Dicembru saru cucati u f'Jannar kellu jintervejni hu biex sar xi haga. Fi Frar bdew bis-soft launch u f'Marzu u f'April telqet. F'Marzu u April 2017 kienu l-unika xahrejn li ghamlet fil-perjodu minn Awwissu sa April. Huwa spjega li ma ghandu jaghtiha xejn ghal Marzu u April ghax hallasha qabel ta' xoghol li ma ghamlitx. Huwa jammetti li mhux Direttur tal-kumpanija izda martu hija Direttur tal-kumpanija u huwa kien qed jiggestixxi l-administration tal-kumpanija. Mistoqsija dwar Xandrika Zammit huwa wiegeb li hija

kienet ilha tahdem bhala seftura fid-dar taghhom ghal ghaxar snin shah u kellu f'Novembru, 2017 jghidilha biex tmur tghin lil attrici ghax f'Novembru, 2017 kienet ghadha ser tibda tfittex in-nies. Jigifieri minn Awwissu sa Novembru l-attrici ma ghamlet xejn u f'Novembru kitbitlu e-mail u qaltlu li kienet ser tibda tfittex li staff u huwa qalilha "Issa ser tibda tfittex li staff?" Huwa jammetti li Xandrika setghet tibda f'Jannar u lilha gabha ghax kellu dahru mal-hajt ghax l-attrici ma ghamlet xejn. Mistoqsi ghaliex xorta hallas lill-attrici ghal perjodu bejn Awwissu, 2016 u Frar, 2017 minkejja li jghid li ma ghamlet xejn Cauchi wiegeb li 'it was under contract.' Skont l-email il-kuntratt hi accettatu bir-risposta taghha lura fl-24 ta' Lulju. Hija bdiet tahdem f' Awwissu sa Novembru meta l-emails juru li ghadha ma ghamlet xejn u l-emails juru li hija qaltlu li kienet ser tibda taghmel ir-recipes.

Fl-affidavit tieghu a fol 86 Tonio Cauchi xehed li huwa u martu ghandhom diversi negozji u jimpjega il'fuq minn sittin persuna li hafna minnhom ilhom impjegati maghhom ghal hafna snin. Huwa kkonferma dak li xehdet l-attrici dwar kif sar jafha u kif kellimha dwar il-progett li kellu jismu 'Toss Food to GO' u li kien jikkonsisti fil-preparar ta' insalati u wraps biex jinbieghu mis-supermarkets u diversi outlets madwar Malta. L-attrici kellha tiehu hsieb dan il-progett.

Huwa baghtilha e-mail fis-16 ta' Lulju, 2016 fejn elenkalha l-proposti tieghu u r-responsibilitajiet taghha li kellhom ikunu: li tohloq ir-ricetti, food sourcing, food labeling, packaging, issib impjegati ghal kcina u hygiene standards. Huwa taha tlett xhur biex jaghmlu s-soft launch tal-progett cioe' Novembru, 2016 u li l-progett kellu jkun lest 'up and running' sa Jannar, 2017. Huwa kien ser ikun responsabbli tas-sales fl-outlets u l-bqija kien responsabilita' taghha.

L-attrici accettat il-proposti tieghu permezz ta' e-mail tal-24 ta' Lulju, 2016 u l-hlas kellu jkun ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fil-gimgha. Peress li l-attrici riedet l-ewwel tahdem part time u mid-dar huwa ma accettax u qablu li hija tkun self employed u tipprezentalu invoices. Huma ftehmu fuq it-target dates li kellha l-attrici. Huwa rega kkonferma li l-attrici kellha tiehu hsieb l-impjegati tal-kcina, isibhom u tharrighom hi, u dan jirrizulta mill-email tal-24 ta' Lulju. F'dan falliet b'mod assolut sat-target dates li kellha. Kellha tlett xhur, Awwissu, Settembru u Ottubru fejn hi kienet qed tithallas biex isib nies kwalifikati biex jahdmu fil-kcina. Izda l-emails datati 10 ta' Ottubru, 2016 u Novembru, 2016 juru li

lanqas kienet ghamlet reklamar ghal kitchen staff u sahansitra ppretendiet li dan jaghmlu hu meta kien xoghol. Infatti t-target date li kellha kien Novembru, 2016 izda ma ghamlet xejn. Kien ghalhekk li ghal habta ta' Dicembru, 2016 huwa staqsha lil martu biex juzaw lil Xandrika. Skont il-progett ma damx minhabba li l-attrici ma kienetx kapaci issib in-nies biex tiddelega u lanqas li tqassam ix-xoghol taghha sew u taghti dawk is-sieghat biex il-progett jirnexxi.

L-attrici ghalhekk hliet l-ewwel tlett xhur u thallset xorta. Huwa ghamel pressjoni fuqha biex tibda tmexxi u forsi l-progett jigi fis-sehh. L-istadju ta' preparazzjoni ha fit-tul wisq ghax l-attrici ma tatx iz-zmien li kellha taghti lil dan il-progett u kienet taghmel zmien twil ma tidhirx jew tibghat e-mail biss. Ghamlet gimghat shaha fejn lanqas rahha. Sal-04 ta' Ottubru lanqas kienet bdiet tahdem fuq ir-ricetti. Kienet tonqos hafna mix-xoghol imabghad meta taghmel xi haga tiffoka biss fuq ir-ricetti bhallikieku l-bqija tal-progett kollu kien jimxi wahdu.

Ghal habta ta' Novembru, 2016 huwa sar jaf li kienet single mother u dan meta darba darbtejn issikkaha ghaliex kient waqghet wisq lura u beda jara li ma kienetx se tlahhaq mal-launch. Sa Novembru ix-xoghol personali taghha kienet taghmlu kollhu hi u kienet stqarret mieghu li t-tifel kien qed jiehu wisq hin u huwa henn ghaliha u ghalhekk dak iz-zmien ma waqqafx l-arragament li kellu maghha. Infatti f'Jannar, 2017 l-launch date ghadda ukoll minghajr ma lahqet ebda deadline.

Rigward il-hlas Cauchi jghid li kien ftihem mal-attrici li jhallasha xahrejn b'lura. Huwa jghid li kienu Julia u Xandrika li kixfu l-hafna nuqqasijiet tal-attrici. Il-progett kien erba' xhur tard u s-sitwazzjoni ddegenerat f'April, 2017. Hija kienet ma tmurx ghax-xoghol regolarment biex toqghod id-dar mat-tifel. Dan jafu ghax kienu qalulu Julia u Xandrika. Il-launch tal-progett spicca qatt ma sar u l-bejgh ta' salads li tirreferi ghalihom l-attrici kienu biss trials ma' zewg supermarkets u kien tip ta' soft launch. Huwa jghid li l-attrici kienet qaltlu li ser titlaq u li se taghti notice ta' gimgha. Cauchi jghid li l-attrici telqet mhux ghax ma kienx ihallasha izda ghax hija ma kienetx qed tlahhaq mal-business taghha u l-istress tas-sitwazzjoni personali taghha. Difatti l-progett waqaf habta u sabta minhabba fiha u l-fatt li fdaha.

Cauchi jghid li l-attrici ma gietx inkariga biss biex issajjar u tikkopja ricetti, kellha taghmel progett mil-bidu sal-ahhar li kien jinvolvi hafna aktar min dan u kien ibbazat fuq target

dates li kellha titlaq. L-attrici ma lahqitx it-target dates, ma ghamlet xejn minn dan u xorta thallset sa Frar, 2017. Huwa jghid li bejgh ta' circa 60 prodott kuljum ma huwiex launch meta tikkalkula l-progett u x'kellu jsir. L-attrici thallset ta' seba' xhur u issa qed tippretendi hlas ta' disa' xhur meta lanqas ghamlet xoghol ta' tlett xhur jekk iqis il-ftehim. Infatti jekk jimxi b'ekwita' Cauchi jghid l-attrici ghandha tirrifondi l-pagamenti mhallsin lilha ghas-servizzi li ma gewx rezi cioe' rifuzjoni ta' sebat elef tmien mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€7,817.50c) talli s-servizzi ma gewx rezi u l-progett ma sarx u dan kollu tort tal-attrici.

Sema' lil partijiet jitrattaw il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u li a fol 72 saret korrezzjoni fis-sens li fol 2 ghandha taqra mill-01 sal-31 ta' Marzu, 2017.

Ikkunsidra,

Li l-attrici qed taghmel it-talba taghha ghal servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta u li jikkonsisti f'hamsa u ghoxrin (25) siegha xoghol elf erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€1475) bir-rata ta' tnax-il ewro u hamsin centezmu (€12.50c) is-siegha ghal perjodu bejn l-01 ta' Marzu, 2017 u 31 ta' Marzu, 2017 (fol 2) u ghoxrin (20) siegha xoghol elf mija u tmenin ewro (€1,180) bl-istess rata ghal perjodu mill-01 ta' April, 2017 sat-28 ta' April, 2017 skont fol 4.

Is-socjeta' konvenuta tghid li dawn is-servizzi ma sarux skont kif miftiehem u ghalhekk ma ghandha taghti xejn lill-attrici anzi ghandha tirrifondilha dak li hallsitha qabel stante li l-attrici ma mxietx mad-deadlines li kellha u ghalhekk l-progett ma sarx u ghalhekk huwa ma ghandu jaghtiha xejn stante li x-xoghol ma wetqitux skont kif kien miftiehem bejn il-partijiet.

F'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 993 tal-Kap 16 li jipprovdi:

"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi".

L-email tas-16 ta' Lulju, 2016 a fol 43 et jispjega sew ir-responsabilitajiet tal-attrici f'dan il-progett u li "*In view of your initially restricted time I am suggesting that between Aug and Oct both yourself and myself will put together all the ground work with a soft launch of products targeted for/throughout Nov 16 in order to be able to fully kick start by early Jan 2017.*"

Skont l-istess e-mail il-hlas kellu jkun ta' circa mitejn u hamsin ewro (€250) fil-gimgha ghal ghoxrin (20) siegha circa fil-gimgha "*once you will be able to set aside the production of your on-going business and take over full responsability at Toss (that would include amongst others the sales and marketing) your remuneration will be increased to three hundred fifty euro (€350) per week plus a share of Toss net profits of circa 25%*".

L-attrici a fol 45 overleaf fl-email taghha tal-24 ta' Lulju, 2016 accettat li hija ser tkun responsabbli ghal recipes, sourcing ingredients, food labelling, hygiene standards, finding suitable kitchen staff.

L-email tal-01 ta' Awwissu, 2016 turi li l-attrici gharfitu li kellha tifel u li kienet ser tahdem ukoll mid-dar. Fol 48 (overleaf) Cauchi jaccetta li l-attrici tohrog invoice bil-vat kull xahar.

Fol 96 et prezentat minn Tonio Cauchi juru x'kellu jsir minn week 31 sa week 41 ghal perjodu bejn Awwissu u Ottubru ghalkemm ma hemm ebda indikazzjoni li dawn intbaghtu mill-konvenut izda dawn ma gewx michuda minnha a fol 49 fl-email taghha tat-03 ta' Awwissu, 2016 hija tghidlu li qed tibghatlu week by week plan sa Novembru. Hija talbitu budget ghal pagi u informazzjoni ohra relatata mal-inkarigu lilha moghti. Fil-05 ta' Awwissu, 2016 Cauchi infurmaha li r-rata ta' full time chef hija bejn sebgha (7) u tmien (8) ewro s-siegha u ta' kitchen help hija ta' bejn hamsa (5) u sitt (6) ewro s-siegha u li kienet ser jiddiskutu l-budget. U fol 102 hija e-mail tal-10 ta' Novembru, 2016 mibghuta mill-attrici lil Cauchi reminder biex jimpjega u li fis-7 ta' Novembru, 2016 hija taghrfu li ma sabet lil hadd u li ahjar jingaggaw agenzija tal-catering.

Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fede. Il-korollarju ta' dan huwa li allura l-bona fede hija presunta, u salv prova kuntrarja, dak li jkun jittiehed li kkuntratta u agixxa in bona fede. Prova tal-bona fede ma tezistix. Hija desunta mill-fatti li jirrizultaw quddiem

il-gudikant. Huwa n-nuqqas ta' bona fede li jrid jigi ppruvat u mhux bil-maqiub. F'dan il-kaz l-oneru tan-nuqqas ta' bona fede jispetta lis-socjeta' intimata.

Il-bona fede hija l-fundament ta'kull kuntratt. Ghalkemm l-Artikolu 993 tal- Kodici Civili jiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fide, ir-regola ta' agir bil-bona fide ghandha bl-istess kejl tapplika wkoll fl-istadju anterjuri ghall-formazzjoni tal-kuntratt. Hekk, fil-kawza **Baldacchino v. Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2006, intqal a propositu:

*"Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal- Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b'adozzjoni, post xieraq anke fl-istadji anterjuri ghall-konkluzjoni tal- kuntratt.*

Hekk ukoll, il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **De Tigne Ltd. v. Micallef,** deciza fl-10 ta' Jannar, 2007, osservat illi: "*Opportunement il-Qorti thoss ii ghandu jigi mfakkar illi l-buona fede ghandha spazju aktar ampju minn dak rizervat lilha ghall-kuntratti in generali bi-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. In kwantu, regola ta' mgieba hu mistenni li din tigi osservata mill-partijiet kemm fil-fazi in contrahendo, kif ukoll fil-konkluzjoni tal-ftehim u, b'mod specjali, fil-kors tal- ezekuzzjoni tieghu*."

L-attrici tammeti li l-pjan originali kien li jibdew ibieghu l-prodotti f'Novembru, 2017 u kellhom jistennew sa Frar, 2017 izda skont hi dan kien attribwibbli ghas-socjeta' konvenuta li xtaqet tistenna lil Xandrika Caruana li qabel Jannar ma setghetx tibda tahdem u li kif ukoll minhabba li bir-rati li kienet qed toffri s-socjeta' attrici sabiex timpjega lil min isajjar u l-fatt li riedet tirriklama biss fuq Facebook u anke minhabba problemi ta' hlas lis-suppliers, hija ma setghetx tlahhaq mad-deadlines. Hija tghid li meta bdew fi Frar, 2017 il-bejgh beda sejjer tajjeb hafna u kienu jippreparaw madwar mitt salad kuljum li kienu jinbieghu fis-supermarkets. Difatti jirrizulta li l-attrici thallset sa Frar, 2017.

Illi issa jekk hija kelliex tithallas ghax-xhur ta' Marzu u April 2017. Huwa minnu li dawn ma jaghtu ebda spjegazzjoni tax-xoghol li sar f'dawn is-sieghat izda l-attrici thallset tax-xoghol pendenti taghha sa Frar, 2017, u li ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet kuntenta bix-xoghol taghha sa dakinhar kif kienet kuntenta bil-mod ta' kif l-attrici kienet tohrog l-

invoices u dan stante li ma rrizulta xejn li l-format taz-zewg invoices pendenti kien differenti minn dawk ta' qabel.

Illi l-fatt li s-socjeta' konvenuta hallset lill-attrici tas-servizzi taghha sa Frar, 2017 minkejja li l-progett kellu jibda f'Novembru, 2016 u effettivament bdew ibieghu l-ikel fil-bidu ta' Frar, 2017, juri li s-socjeta' konvenuta kienet kuntenta u fil-fatt ma pprotestatx ghal dan u baqghet thallas minn Awwissu minkejja li l-progett kellu jibda f'Novembru, 2016. Li ghalhekk galadarba gara dan is-socjeta' konvenuta ma tistax issa teccepixxi li hija ma ghandha taghtiha xejn lill-attrici ghax ma mxietx skont id-deadlines fil-kuntratt u dak li intrabet li taghmel.

Kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-02 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet **Nicky Saliba vs Kunsill Lokali tan-Nadur**: *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju li sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita min jippresta s-servizzi tieghu that kwalsiasi forma ghal vantagg ta' haddiehor hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor optat premium."*

Jinghad ukoll illi d-danni mahsuba mil-ligi ghan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew ghat-twettiq tardiv taghha huma t-telf imgarrab mill-kreditur u/jew il-qligh imtellef [Art. 1135 tal-Kap 16] sakemm jintwera li tali telf jew tali qligh imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni [Art. 1137 tal-Kap 16].

Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx gej minn ghamil doluz tad-debitur, id-danni mgarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jaghmel tajjeb ghalihom huma dawk li basar jew wiehed seta' jobsor li jiggarrbu fiz-zmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni [Art. 1136 tal-Kap 16].

Ghaldaqstant biex jehles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n- nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit- twettiq taghha fiz-zmien miftiehem kienu kawza ta' haga barranija li huwa ma kienx jahti ghaliha, bhal fil-kaz ta' accident jew forza magguri (Art. 1134 tal-Kap 16).

Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi li ghandu japplika l-principju tal-ekwita' f'dan il-kaz. Illum il-gurnata huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-Art. 1122 tal-Kap.16 trid titfisser ukoll fid-dawl ta` principju iehor ewlieni tad-dritt, jigifieri li l-kuntratti jigu esegwiti in bona fede, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma

wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skont l-ghamla taghha, b`ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi (Ara l-Art. 993 tal-Kap 16). Dan ifisser li b`applikazzjoni tal-*massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li d-danni jigu ridimensjonati jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli skont in-normi stabbiliti tas-socjeta' u l-logika guridika.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tibbaza d-difiza taghha li l-attrici ma lahqitx mad-deadlines miftehma u ghalhekk ebda hlas ma huwa dovut lilu ghax-xahrejn in kwistjoni. Illi dan it-Tribunal ma jistax jaqbel ma din id-difiza f'dan il-kaz u dana stante li minkejja li skadiet id-deadline f'Novembru, 2016 s-socjeta' konvenuta xorta baqghet thallasha sa Jannar, 2017 u kif ukoll stante li xejn minn dak li jirrikjedu l-Artikoli 1077 u 1130(2) tal-Kodici Civili ma sar mis-socjeta' konvenuta . Gie stabilit "Illi fejn ma jkunx inghata zmien lid-debitur ghat-twettiq tal-appalt, u l- appaltant ikun irid li dan jigi ezegwit, huwa mehtieg l-appaltatur jinghata zmien specifiku b'att gudizzjarju qabel jista' jitqies hati ta' dewmien" (Ara art. 1077 u 1130(2) tal-Kap 16). Ma tiswa l-ebda ghamla ohra ta' talba mill-appaltant lill-appaltatur biex isehh dan" (Ara Kumm. 20.1.1959 fil-kawza fl-ismijiet Portelli vs Darmanin et pro et noe (Kollez. Vol XLIII.iii.846) u Kumm. 30.5.1961 fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs Grech Kollez. Vol:XLV.iii.820)";

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€2,655) u bl-imghaxijiet legali mil-lum.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**